# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 2608/98 AJM

Kawza numru

Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha s-socjeta' Electronic Products Limited.

Vs

Charles Sciberras

Il-Qort,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' Dicembru 1998 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi fis-17 ta' Settembru 1997 ghal xi s-1 p.m. waqt li Melvin Meli kien qed jsuq il-vettura Seat Terra Nru BBB-491, proprjeta' tas-socjeta' Electronic Products Limited, f'Salina Road, St. Paul's Bay huwa safa' involut f'incident awtomobilistiku

mal-private bus Nru JCY-883, misjuqa mill-konvenut; illi l-vettura Seat Terra Nru BBB-493 kienet assikurata mas-socjeta' attrici taht polza comprehensive, u s-socjeta' Electronic Products Limited, bhala assikurata, ghamlet claim mas-socjeta' attrici in konnessjoni mal-incident de quo; illi d-danni tas-socjeta' attrici jammontaw ghal elf seba' mija u disa' liri maltin dovut nkwantu ghal LM1700 bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lis-socjeta' assikurata taghha, ghal liema ammont is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' assikurata taghha taht il-polza comprehensive u kwantu ghal LM9 bhala spejjes ohra konnessi u rizultanti mill-incident; illi ghal dan l-incident awtomobilistiku u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-egolamenti; illi l-konvenut baqa' inadempjenti ghalkemm kien interpellat biex jersaq ghar-risarciment tad-danni attrici; talbet li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza ta' l-istess garrbet is-socjeta' attrici noe.
2. Tillikwida d-danni tas-socjeta' attrici fis-somma ta'LM1709, jew somma verjuri, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat u dovut .

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Marzu 1998 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, kif ukoll bl-imghax legali mit-2 ta' Marzu 1998 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-10 ta’ Gunju 1999 bil-visto tal-kontro parti li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tas-17 ta’ Settembru 1997 bejn il-vettura Seat Terra bin-numru BBB-491 u l-vettura private bus bin-numru JCY-883.
2. Illi l-ammont pretiz huwa ezagerat.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat id-digriet ta’ din l-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta ghat-3 ta’ Dicembru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-incident mertu ta’ din il-kawza sehh gewwa is-Salina Coast Road, hdejn il-Kennedy Grove, fis-17 ta’ Settembru 1997 ghal habta tas-1.00 p.m. Il-vetturi kienu sejrin fid-direzzjoni ta’ San Pawl l-Bahar bil-vettura numru BBB 491, assikurata mas-socjeta’ attrici u misjuqa minn Melvin

Meli fuq quddiem filwaqt li x-charabank numru JCV 883 kienet misjuqa mill-konvenut u mixja wara l-light car.

Waqt l-incident kienet ix-xita u dannu kien hemm hafna traffiku sejjer fl-istess direzzjoni billi ukoll dan kien mixi bilmod daqqa jimxi u daqqa jieqaf. Li speed tal-vetturi kien cirka 10/15 k.f.s. Hin minnhom jidher li t-traffiku waqaf u kien ghalhekk li Meli applika l-brake izda kif ghamel hekk ix-xarabank misjuqa mill-konvenut baqghet diehla fuq il-wara tal-vettura tieghu b'impatt pjuttost qawwi li kkawza hsarat ingenti fil-vettura assikurat mas-socjeta' attrici kif jidher mis-survey report ezebit tant li din il-vettura kellha tigi dikjarata beyond economical repair."

Fl-okkorrenza tal-incident preparata mis-surgent Azzopardi li ma fuq il-post jidher li d-deskrizzjoni tal-incident li taw is-sewwieqa kien kif imsemmi aktar 'l fuq u li kien hemm ftehim bejniethom dwar kif grat il-habta. Infatti fl-istess rapport insibu li l-Bus skiddjat fuq l-art imxarba.

Dan huwa l-klassiku tamponament minn wara bejn zewg vetturi li jkunu mixjin fl-istess direzzjoni. Taht cirkostanzi normali huwa dejjem ritenut li s-sewwieqa tal-vettura ta' wara ghandu jinzamm responsabbli ghas-sinistru billi huwa l-obbligu tieghu li jzomm "a proper lookout" ta' dak li qed jigri quddiemu, jzomm distanza adegwata mill-vettura ta' quddiemu, u jiehu kull azzjoni necessarja biex jevita incident.

Fil-kaz in ezami jidher li s-sewwieq tal-vettura ta' quddiem cioe dik assikurata mas-socjeta' attrici bl-ebda mod ma jista' jigi akkollat xi responsabbilita ghall-akkadut u lanqas ma hi qed tigi allegata xi negligenza fuq is-sewwieq Meli da parti tal-konvenut. Izda mix-xhieda tal-konvenut jidher li dan qed jghid li huwa mhux responsabbli billi dak li

gara kien rizultat tal-presenza ta' xi diesel li kien hemm fuq il-karreggata li gielu jiskiddja b'mod li l-bus ma setghetx tieqaf tempestivament.

Din d-difiza setghet jkollha effett jekk kredibbli. Biss din il-Qorti ma tistax taccetta dak li qed jghid il-konvenut u da ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Mix-xhieda tas-surgent li investiga l-kaz jirrizulta li l-partijiet qablu dawr dak li hemm imnizzel fl-okkorrenza. Issa f'dan id-dokument ma jissemma ebda diesel fuq il-karreggata u semplicement li l-bus skiddjat fuq it-triq imxarba.
2. Fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata l-konvenut qatt ma jsemmi li kien hemm xi diesel fuq il-karreggata.
3. Ix-xhud Meli jghid li l-konvenut wara l-habta ma qallu xejn dwar xi cirkostanza anormali fuq il-karreggata li setghet ikkawzat li skidding.
4. L-ebda wahda mill-vetturi li kienu mixjin "stop and start" quddiem l-konvenut, inkluza dik ta' l-attur, ma jirrizulta li skiddjat fuq xi diesel. Jekk dan kien hemm ghall-konvenut certament traffiku li kien mixi quddiemu kellu jesperjenza l-istess diffikulta.
5. Fl-ahharnett jigi rilevat li skond il-konvenut dan id-diesel kien jinsab biss mar-roti ta' quddiem. Billi l-braking system jahdem fuq l-erba roti din il-qorti ma tistax tifhem il-ghala l-bus ma waqafx meta l-konvenut applika l-brake gialadarba, skond ma xhed il-konvenut bl-aktar mod enfatiku, l-kondizzjoni tal-brakes kienet tajba hafna.

Din il-Qorti ghalhekk tasal biex tikkonkludi li l-incident sehh minhabba nuqqas ta' attenzjoni mehtiega ghat-triq u t-traffiku fiha da parti

tal-konvenut u probabilment minhabba reazzjoni naturali ta' sewwieq li jdum jistenna cirka tlett kwarti fit-traffiku (kif xhed l-istess konvenut) u meta dan jkollu l-passiggieri. Id-diesel, jekk kien hemm, ma kellu xjaqsam xejn ma l-iskidding u, stante li kien biss fuq quddiem tal-bus, probabilment hareg mill-vetturi bhala rizultat tal-habta.

Illi dwar d-danni l-konvenut ma ressaq ebda prova dwar l-allegazzjoni tieghu li dawn kienu eccessivi. Ghal kuntrarju jidher mix-xhieda tas-surveyor, claims manager u sid il-vettura, li l-ammont eventwalment imhallas kien gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fis-somma ta' elf seba' mija u disa' liri maltin (LM1,709) u konsewgentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat bl-imgahx legali kif mitlub.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri